



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

10353/20
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0210(NLE)

PECHE 209

PROPOSTA

minn:	Is-Sa Ilze JUHANSONE, Segretarju Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
data meta waslet:	31 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 438 final - ANNESSI
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 438 final - ANNESSI.

Mehmuż: COM(2020) 438 final - ANNESSI



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.8.2020
COM(2020) 438 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

ta'

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

ANNESS I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd Mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (il-Ftehim)

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim, l-Unjoni għandha:

- a) taġixxi f'konformità mal-oġettivi u l-prinċipji li l-Unjoni ssegwi fi ħdan il-politika komuni tas-sajd kif stabbilit fir-Regolament (UE) 1380/2013, b'mod partikolari permezz tal-approċċ prekawzjonarju kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament, biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, u biex tnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq il-ħabitats tagħhom, kif ukoll permezz tal-promozzjoni ta' sajd fl-Unjoni kompetittiv u ekonomikament vijabbli, biex tipprovdi standard ġust tal-għajxien għal dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd u biex tqis l-interessi tal-konsumaturi;
- b) taħdem favur involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati, inkluż l-organizzazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi, il-korpi u l-programmi rilevanti, kif ukoll għarfien indiġenu u lokali, fit-tnejja tal-fażi tal-miżuri tal-laqgħat tal-Partijiet, inkluż fil-laqgħat tal-esperti xjentifiċi skont il-Ftehim, u tiżgura li dawn il-miżuri jkunu f'konformità mal-Ftehim;
- c) tiżgura li l-miżuri adottati skont il-Ftehim ikunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-liġi tal-baħar (UNCLOS)¹, tal-Ftehim tal-1995 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) (UNFSA)², tal-Ftehim tal-1993 biex jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f'ibħra internazzjonali³, u tal-Ftehim tal-2009 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti dwar miżuri tal-istat tal-port⁴;
- d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) fl-istess żona;
- e) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-

¹ ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.

² ĠU L 189, 3.7.1998, p. 16.

³ ĠU L 177, 16.7.1996, p. 26.

⁴ ĠU L 191, 22.7.2011, p. 3.

politiki l-oħrajn tagħha b'mod partikolari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

- f) tiżgura li jiġiharsu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni;
- g) tikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd⁵;
- h) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan il-Ftehim abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;
- i) tikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra, inkluż l-Artiku⁶, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni dwar "Sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku"⁷, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill⁸ dwar il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea dwar "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"⁹, u tippromwovi miżuri li jappoġġaw u jtejbu l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim bħala kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha tagħha;
- j) tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-Ftehim u l-RFMOs u l-konvenzjonijiet tas-sajd regionali (RSCs) eżistenti, b'mod partikolari l-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, meta applikabbli, fi ħdan il-mandati tagħhom, fejn xieraq;
- k) tappoġġa b'mod attiv l-istabbiliment ta' Programm Konġunt ta' Riċerka Xjentifika u Monitoraġġ bl-għan li jittejjeb il-fehim kollettiv tal-Partijiet dwar l-ekosistemi fl-Ibħra Miftuħa tal-Oċean Artiku Ċentrali u, b'mod partikolari, li jiġi ddeterminat jekk jistgħux jeżistu stokkijiet tal-ħut, issa jew fil-futur, li jistgħu jiġu mistada fuq bażi sostenibbli u l-impatti possibbli ta' dan is-sajd fuq l-ekosistemi;
- l) tiżgura l-kompatibbiltà bejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni stabbiliti għall-istess stokkijiet fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali u l-miżuri adottati fir-rigward tal-ibħra miftuħa f'konformità mal-Artikolu 118 tal-UNCLOS u l-Artikolu 8 tal-UNFSA;
- m) tiżgura konsistenza mal-interess tal-Unjoni fl-Artiku bħala reġjun ta' importanza strateġika li dejjem qed tikber.

2. ORJENTAZZJONIJIET

Meta xieraq, l-Unjoni għandha tagħmel hiliitha biex tappoġġa l-adozzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku possibbli u l-approċċ prekawzjonarju, permezz tal-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim.

⁵ 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.

⁶ 14249/19 of 19.11.2019.

⁷ JOIN(2016) 21 final tas-27.4.2016.

⁸ 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.

⁹ JOIN(2016) 49 final tas-10.11.2016.

ANNEX II

Speċifikazzjoni sena b'sena tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd Mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (Ftehim)

Qabel kull laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim, meta dak il-korp jiġi msejjaħ biex jadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni rilevanti oħra trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk waqt laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, inkluż fuq il-post, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.